**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**Vs**

**Brian Abela**

Kaz Numru: 800/15

Illum 23 ta' Novembru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Brian Abela ta' 38 sena, iben Vincent u Mary Grace nee' Delia, imwieled Pieta' nhar it-22 ta' Dicembru 1977, residenti gewwa 133, Liszt, Triq il-Bwieraq, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 48878M:

1. Talli nhar l-24 ta' Lulju 2015, ghal habta ta' bejn in-12:30 u 12:45 ta' wara nofsinhar, gewwa l-Iskola Primarja ta' Marsaskala, ikkommetta serq ta' basket li kien jikkontjeni diversi oggetti ta' valur, ghad-detriment ta' Karl Sultana u/jew persuna/i ohra, li l-valur taghhom jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro u l-erbgha u disghin centezmi (232.94 Euro) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), liema serq huwa aggravate bil-valur u bil-persuna, u dan bi ksur tal-artikoli 261, 267 u 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna ill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' din il-persuni hawn fuq indikata.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Karl Sultana, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant din giet sodisfjacentement ippruvata.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz partikolarment il-fatt li l-imputat ghandu bzonn ghajnuna psikjatrika, l-ammissjoni bikrija, li l-maggiorparti tar-*res furtiva* giet ritornata, u fuq kollox il-fatt li fil-fehma tal-Qorti l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 20, 261(c)(d), 267, 268(d), 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ,fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien sentejn (2) skont id-digriet moghti kontestwalment liema digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inoltre' billi l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna l-Qorti wara li rat l-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn (2) millum skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Karl Sultana u familjari tieghu.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu inkwantu ghall-Ordni ta' Trattament.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat